

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Settembru 2017 – The Tea Board vs L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), Delta Lingerie

(Kawżi Magħquda C-673/15 P sa C-676/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Regolament (KE) Nru°207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Trade marks verbali u figurattivi li jinkludu l-element verbali “darjeeling” jew “darjeeling collection de lingerie” — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade marks kollettivi tal-Unjoni Ewropea — Trade marks kollettivi kkonstitwiti mill-indikazzjoni ġeografika “Darjeeling” — Artikolu 66(2) — Funzjoni essenzjali — Kunflitt ma' applikazzjonijiet għal trade marks individwali — Probabbiltà ta' konfużjoni — Kunċett — Xebh bejn il-prodotti jew is-servizzi — Kriterji ta' evalwazzjoni — Artikolu 8(5))

(2017/C 382/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: The Tea Board (rappreżentanti: M. Maier u A. Nordemann, Rechtsanwälte)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent), Delta Lingerie (rappreżentanti: G. Marchais u P. Martini-Berthon, avukati)

Dispożittiv

- 1) L-appelli huma miċħuda.
- 2) The Tea Board hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-appelli prinċipali.
- 3) Delta Lingerie hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-appell incidental.

⁽¹⁾ ĠU C 106, 21.3.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-14 ta' Settembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Rechtbank Den Haag zittingsplaats Haarlem – il-Pajjiżi l-Baxxi) – K. vs Staatssecretaris van Veiligheid en Justitie

(Kawża C-18/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Standards għall-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali — Direttiva 2013/32/UE — Artikolu 9 — Dritt li wieħed jibqa' fi Stat Membru sakemm tiġi eżaminata l-applikazzjoni — Direttiva 2013/33/UE — Punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(3) — Tqegħid f'detenzjoni — Verifika tal-identità jew tan-nazzjonalità — Determinazzjoni tal-elementi li hija bbażata fuqhom l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali — Validità — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 6 u 52 — Limitazzjoni — Proporzjonalità

(2017/C 382/15)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag zittingsplaats Haarlem